Minuti tal-Laqgħa Nru. 41 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Settembru 2010 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa<br>Dr. Frank Psaila LL.D |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mozzjonijiet
5. Kumitat Amministrattiv
6. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Piscopo ssuġġerixxa biex paragrafu 1.4 jitla qabel 1.2 peress li jħoss li kronologikament ta kif ġraw l-affarijiet jagħmlu aktar sens. L-istess Kunsillier qal li f' paragrafu 1.5 għandu jkun hemm tibdil għal kliem dwar il-mod tal-ħatra biex jispjega li hu ma kellu xejn kontra is-Sur. Portelli. Hu qal li ma jaqbilx li ma ġiex ippreżentat bil-lista tal-kandidati.

1.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hu kien qal lis-Segretarju biex f' paragrafu 5.1 huwa jikteb 'Ħalli n-nies bi kwiethom jekk tridu li jħalluk bi kwietek kif kien intqal waqt il-laqgħa. Is-Segretarju spjega li kif kien kiteb hu jfisser l istess ħaġa u anki s-Sindku sostna dan. Huwa qal ukoll li biex ikun hemm tibdil fil-minuti din trid tgħaddi għal approvazzjoni tal-Kunsill. Meta din għaddiet għal vot, kien hemm is-Sindku, Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Lucia Massa, Joe Camilleri u Joe Piscopo li vvutaw kontra li ssir l-emenda, filwaqt li l-Kunsilliera Victor Caruana u Frank Psaila kienu favur l-emenda.

1.3 Rigward il-każ tas-SkolaSajf il-Kunsillier Piscopo ippreżenta emails quddiem il-Kunsill fejn wera li kien hemm korrispondenza bejnhu u l-Madame tal-Iskola. Huwa qal li dawn l-email kienu minbarra t-telefonati li kien għamel. Huwa qal li kien mistieden biex jattendi għal egħluq imma minħabba impennji oħra ma setax' jattendi. Min naħa tiegħu huwa rringrazzja lil Madame tal-istedina u qal li l-quddiem jerġa jkun hemm koperazzjoni biex din issir.

## 2.0 KORRISPONDENZA

2.1 Is-Sindku ppreżenta ittra fejn kien hemm l-approvazzjoni tal-ħatra ta Segretarju Eżekuttiv min naħa tal-Prim Ministru li huwa s-Sur. Michael Portelli. Huwa awgura lis-Sur. Portelli fil-ħidma tiegħu lejn il-Kunsill. Is-Sur. Portelli irringrazzja lil Kunsill li għat tieni darba kien approvah fil-ħatra ta Segretarju Eżekuttiv. Huwa indirizza lil Kunsilliera biex ikun hemm aktar koperazzjoni bejniethom u jaħdmu għal ideal tal-lokalita. Huwa spjega li wara r-riforma s-Segretarji Eżekuttivi llum jaqgħu taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u ma jixtieqx li jkun f' sitwazzjoni fejn ikollu jirraporta lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq aġir irresponsabbli ta xi Kunsilliera.

2.2 Is-Sindku ressaq Memo 122/2010 li tikkonċerna fuq ikliet li jsiru fi żmien il-Milied. Huwa qal li issa l-Kunsill jista' jagħmel ikla/reċiviment sa wieħed fi żmien il-Milied għal Kunsilliera, skrivani u impjegati tal-Kunsill mingħajr il-partners. Importanti wkoll li fin-nefqa ma jeċċedix € 50 il-persuna.

2.3 Il-Kunsill irċieva wkoll applikazzjoni sabiex jiġi nominat Żgħazugħ tas-sena. Is-Sindku għadda din l-applikazzjoni lis-Segretarju biex jimliha.

2.4 Is-Sindku ppreżenta wkoll żewġ tipi ta bollards flimkien ma quotations oħra fuq bins u street furniture oħra biex jħalli l-għażla tal-bollards f idejn il-Kunsill. Wara li kien hemm diskussjoni

bejn il-Kunsilliera, dawn għażlu li jintużaw il-bollards li huma twal. Kien hemm suġġeriment mill-Kunsillier Caruana li qal li l-bollards m għandhomx ikunu twal ħafna għax inkella jkunu t ostakklu għal min ikun irrid jara lil hinn minhom. Is-Sindku appella lil Kunsilliera biex dawn iġġibu kwotazzjonijiet ukoll.

2.5 Kien hemm stedina għal laqgħa tas-Sindki li għandha issir bejn it-22 u t-23 t' Ottubru. Is-Sindku għadda l-applikazzjonijiet meħtieġa lis-Segretarju biex dan ikun jista japplikalhom.

2.6 Is-Segretarju ressaq tlett kwotazzjonijiet fuq sistemi tal-computers lil Kunsill li nġiebu mingħand Scan, IES u Ahead Technologies. Huwa spjega l ispecifications u qal li fis-sistemi li taw Scan u IES dawn jippermetu li l-quddiem jistgħu jiġu upgraded imma f dik ippreżentata mill-Ahead Technologies jista jkun hemm diffikulta biex is-sistema tkun tista tiġi upgraded. Bejn dik tal-IES u Scan intgħażlet tal-IES peress li hija irħas. Din kien hemm qbil unanimu fuqha min naħa tal-Kunsilliera.

2.7 Is-Sindku ressaq tlett offerti fuq is-sejħa għal offerti għas-Servizz t' Accountant lil Kunsill Lokali ta Ħal Luqa li ħarġet aktar kmieni matul is-sena. L-offerti ġew sottmessi min Erremme, D Consulta, u Johanna Caruana. Is-Sindku ippropona lil Kunsill biex f' dan il-każ jagħżel dik li hija l-aktar waħda vantaġġjuża li kienet dik ta Johanna Caruana.

2.8 Il-Kunsillier Psaila ma qabilx li tintgħażel din il-persuna għar raġuni li hi ma kinitx ġibdet l-attenzjoni lil Awtoritajiet konċernati meta is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti kien responsabli mil-finanzi tal-Kunsill. Peress li f' dan il-kuntest kien hemm ksur ta regolamenti huwa ma jħossux komdu bl-għażla ta din il-persuna.

2.9 Il-Kunsillier Caruana semma wkoll il-każ meta l-item tal-petty cash ma kienx qed jitniżżel fuq is-schedule of payments u qal lid an kien nuqqas min naħa tal-Awdituri. Is-Sindku semma li kien is-Segretarju li kien jagħmel l-input fis-Sage peress li kien jaf juża l-program, huwa kompla jgħid li l-Accountant kienet tiġi darba fis-sena biex tlesti l-financial statements

2.10 Is-Sindku wieġeb li r-rwol tal-Accountant huwa differenti min dak tal-awdituri u s-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li l-iżvelar ta ommissjonijiet huwa l-irwol tal-awdituri u mhux tal-accountant. Is-Sindku għamilha ċara li jekk jiskopri li kien hemm xi konessjoni mas-Segretarju Eżekuttiv preċedenti jew issiru xi ommissjonijiet b konsegwenzi lejn il-Kunsill huwa stess jkun li jwaqqaf is-servizz lit kun qed tagħti din il-persuna.

2.11 Kien hemm votazzjoni rigward l-Accountant. Favur Johanna Caruana kien hemm is-Sindku, Viċi Sindku, Lucia Massa u Joe Camilleri, filwaqt li l-Kunsilliera Caruana u Psaila huma kontra. Il-Kunsillier Piscopo astjena.

2.12 Il-Kunsillier Caruana flimkien mal-Kunsillier Psaila saqsa jekk hux possibli dan il-Kunsill ikollu kopja tar-rapport tal-investigazzjoni li saret fuq is-Segretarju. Huma ssuġġerew li nitolbu lid-Dipartiment fuq dan ir-rapport. Is-Sindku semma li bħala Kunsill ma ġiex infurmat fuq ir-rapport. Huwa għalhekk issuġġerixxa li tinkiteb ittra biex issir talba.

2.13 Il-Viċi Sindku semma wkoll li kien sema mingħand residenti li se jsir l-Airshow bejn il-25 u s-26 ta Settembru 2010. Huwa qal li mhux sewwa li bħala Kunsill ma niġux infurmati anki peress li dan jinsab fil-lokalita tagħna u anki minħabba li l-istorbju joħloq inkonvenjent. Il-Kunsillier Piscopo saqsa biex jiġu mistoqsija l-Kunsilli Lokali ta madwar dwar jekk ġewx infurmati rigward l-Airshow. Il-Kunsillier Caruana qal ukoll li importanti li jinżammu relazzjonijiet tajbin mal-Ajruport peress li l-Kunsill jista jkun bżonn tal-għajnuna tagħhom. Ġie suġġerrit għalhekk li tinkiteb ittra lil Avjazzjoni Ċivili fuq dan is-suġġett.

2.14 Il-Kunsillier Psicopo issuġġerrixxa biex issir No Entry sign fejn hemm it-tarf ta Triq San Tumas fin-naħa tal-ex Mambra.

## 3.0 MOZZJONIJIET

3.1 Is-Sindku għadda mozzjoni li kienet sekondata mill-Viċi Sindku biex fiha japprova x-xiri ta pjanti, bankijiet u bollards għat tisbiħ ta Pjazza Sant' Andrija. Fuq dan il-proġett il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hemmx il-bżonn li jinħareġ tender. Huwa semma wkoll li f' każ li ħa jinxtraw il-pjanti jinxtraw ukoll għal-lattrina. Il-Kunsillier Psaila qabel max-xogħol imma semma li huwa kmieni biex issir ix-xogħol u li ma jafx kemm huma l-affarijiet. Favur il-mozzjoni kienu is-Sindku, il-Viċi Sindku, Il-Kunsillieri Massa, Camilleri u Piscopo. Kontra huma l-Kunsillieri Psaila u Caruana.

3.2 Is-Sindku għadda mozzjoni li kienet sekondata mill-Viċi Sindku biex fiha jitnaddaf skart li hemm fi Triq l-Iskola u jittella' ħajt biex jiġi evitat ir-rimi tal-iskart. Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu min naħa tal-Kunsill.

3.3 Il-Kunsilliera Lucia Massa resqet mozzjoni li kienet sekondata mill-Viċi Sindku rigward it-tilqima tal-influwenza biex din terġa tingħata lil Anzjani. Fuq din il-mozzjoni kien hemm qbil unanimu.

## 4.0 KUMITAT AMMINISTRATTIV TA ĦAL FARRUĠ

4.1 Ic-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ippreżenta l-pjanta tal-proġett li se jsir ġewwa Ħal Farruġ fi Triq il-Vitorja. Huwa semma wkoll li l-Kumitat kellu laqgħa mal-Onor. Dr. Said fejn faħħar ix-xogħol li qed issir.

4.2 Il-Kunsillier Camilleri saqsa fuq il-ground li kien issemma li ħa jsir ġewwa Ħal Farruġ jekk hemmx x informazzjoni. Is-Sindku ikkonferma wkoll li kellu jinbena football ground ġewwa Ħal Farruġ. Fuq dan is-Sindku flimkien mac-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv ta Ħal Farruġ kien kiteb ittra fejn oġġezzjona fuq dan il-proġett u anki talab biex issir laqgħa dwar is-suġġett.

4.3 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk kienx hemm devoluzzjoni biex il-ground jingħata lit-team tal-Belt. IS-Sindku qal li hu kien sema li tal-Belt kien ipprotesta peress li ma kienx inħariġlu l-permess.

## 5.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

5.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni, liema skeda ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku.

5.2 Il-Kunsillier Piscopo qal li mhux kontra l-lista tal-pagamenti imma xtaq li jiġi jara l-invoices.

5.3 Il-Kunsillier Caruana qal li mhux qed ikun hemm stima fuq ix-xogħol tal-konkos qabel ma dan jsir. Is-Sindku wieġeb li r-rati huma skont it-tenders stabbiliti bil-liġi.

5.4 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti filwaqt li l-Kunsilliera Caruana u Psaila vvutaw kontra.

Konfermati llum ______________________ 2010.

______________________ ______________________

John Schembri
Sindku

Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv